MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 3035/2002

***Mobisle Communications Limited***

***vs***

***Anthony Ellul***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Dicembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tlettax-il lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm313.14) rappresentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skond *Client contract number 05251* in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Dicembru 2001 u Mejju 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Ottubru 2002, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-P.L. Peter Sammut ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u tlettax-il lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm313.14), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-31 ta’ Ottubru 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------